MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 651/1997/2

Kawza fil-lista: 25

**A B**
**Vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat mill-attur li biha ppremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet izzewwgu fid-19 ta' Mejju 1989 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel E ta' tlett snin;

Premess illi l-konvenuta irrendiet ruhha hatja ta' adulterju, sevizzi, ingurji, minacci u htija ta' dan iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser b' mod irrimedjabbli;

Premess illi l-attur talab id-debita awtorizzazzjoni u peress illi l-Onorabbli Qorti Sekond' Awla Civili permezz ta' digriet illi jgib id-data tal-25 ta' Frar 1997 digriet numru 241/97 awtorizzat lill-attur sabiex jipprocedi quddiem dina l-OnorabbliQorti ghall-separazzjoni personali min ma martu l-konvenuta;

Premess wkoll illi skond id-digriet datat 25 ta' Frar 1997 li jgib in-numru 222/97 l-Onorabbli Qorti Sekond' Awla Civili akkordat il-kura u il-kustodja tal-iben minuri E f' idejn l-attur;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi illi dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-konjugi B ghall-tortijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-iben minuri E f' idejn l-attur;

3. Tillikwida l-assi fil-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tiddividi u tassenja l-istess assi wara illi tqies it-tortijiet kommessi mill-konvenuta;

5. Tillikwida l-assi parafernali u dotali tal-partijiet;

6. Tassenja u tiddividi l-istess assi parafernali bejn il-partijiet;

7. Tiddikjara xolta u terminata il-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

8. Tiddikjara illi l-konvenuta iddekadiet mid-drittijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-

dritt stante illi iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b' tortijiet imputabbli lill-attur oltre illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ta' l-attur ghal kura u kustodja ghandha tigi michuda u dana stante illi l-iktar persuna li kapaci tiehu hsieb l-istess minuri hija l-konvenuta ommu u dana skond ir-rapport tal-psikologa nominata mill-Qorti fil-kawza fl-ismijiet C D B vs A B.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-AIC Valerio Schembri minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta in bazi ghall-Artikoli 38 u 40 tal-Kap.16. Minn naha taghha l-konvenuta, filwaqt li taqbel li z-zwieg tkisser irremedjabbilment, tattribwixxi dan ghal tortijiet imputabbli lill-attur.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu fis-19 ta' Mejju 1989, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel bl-isem E li ghadu minorenni. Jidher li matul l-ewwel snin taz-zwieg il-koppja rriskontrat diversi problem li wasslu sabiex il-konvenuta titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tghix ma' terza persuna. L-attur minn naha tieghu baqa' jghix fid-dar matrimonjali flimkien mat-tifel; izda fil-mori tal-proceduri l-attur dahal f' r elazzjoni extra matrimonjali ma' terza persuna li qeda tghix mieghu fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha.

Kif fuq spjegat, ghalkemm l-adulterju tal-konvenuta ghandu konsiderazzjoni qawwija f' materja ta' htija tas-separazzjoni personali, dak ta' l-attur li sehh hafna zmien

wara li z-zwieg kien tkisser irremedjabbilment, m' ghandux relevanza f' materja ta' htija, ghalkemm din il-Qorti, ghall-finijiet tal-likwidazzjoni ta' l-assi tal-kommunjoni, ma tistax tinjora c-cirkostanzi prezenti tal-partijiet.

Il-partijiet jaghtu versjoni kontrastanti ta' x' wassal ghas-separazzjoni personali. Filwaqt li l-attur isostni li t-tkissir taz-zwieg kien unikament dovut ghar-relazzjoni extra matrimonjali tal-konvenuta ma' certu F G, il-konvenuta ssostni li z-zwieg tkisser tort ta' l-imgieba abusiva da parti ta' l-attur fil-konfront taghha u ta' binhom. Hija timputa lilu komportament vjolenti u agressiv li wassal sabiex hija titlaq mid-dar konjugali ghax, skond hi, ma felhitx izjed.

Il-Qorti wara ezami ta' l-atti hija tal-fehma li z-zewg konjugi huma responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg taghhom ghalkemm fi gradi differenti: il-komportament abusiv da parti ta' l-attur fil-konfront ta' martu, sahansitra anke fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom, li jikkostitwixxi servizzi u offiza gravi, kif ukoll ir-relazzjoni adultera tal-konvenuta li pprecipitat l-affarijiet u li ssiggillat il-firda personali bejn il-koppja.

**Kura u Kustodja**
Illi jidher li hemm qbil li l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' fdata f' idejn l-attur, tenut kont ukoll tal-fatt li dan ilu ghal zmien twil jghix ma' l-attur; izda l-konvenuta jkollha access liberu ghat-tifel bi preavviz ragjonevoli. Din is-sistematizzazzjoni hija fl-ahjar interess tal-minuri.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Mill-provi jirrizulta li din tikkonsisti fil-fond <<< indirizz >>>, il-lista tal-mobbli presentata mill-konvenuta a fol.151 [dok.MAC], somma zghira f' kont bankarju mal-Bank of Valletta u n-negozju ta' l-attur.

Illi l-l-konvenuta prezentat lista tal-<u>oggetti parafernali </u>li ghadhom jinsabu fid-dar konjugali, u li hi esebita a fol.188 tal-process [dol.MAC6]

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi kif ser jinghad:

[1] Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghall-tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet kif fuq inghad;
[2] Tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri E lil missieru l-attur, bid-dritt ta' access liberu ghall-konvenuta; u tafferma l-obbligu ta' l-istess konvenuta li dina tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' binha fil-kaz li tkun qed taghmel xoghol bi qligh;

[3] Tilqa' it-tielet, ir-raba u s-seba talba u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti u tiddikjara li din tikkonsisti fl-oggetti mobbli u immobbli kif fuq indikat; ixxolji l-istess assi tal-komunjoni u tassenjaha kif ser jinghad:

[a] Illi l-attur jibqa' jghix mal-minuri fid-dar matrimonjali numri <<< indirizz >>>bil-mobbli go fiha, sakemm il-minuri jghalaq tmientax [18] il-sena; wara liema data l-attur flimkien mal-minuri ghandhom jivvakaw d-dar konjugali sabiex din, flimkien ma' l-oggetti ta' go fiha, jinbighu bis-subbasta, jew fuq is-suq hieles jekk il-partijiet hekk jifthemu, u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet f' zewg porzjonijiet ugwali;

[b] Illi, tenut kont tal-fatt li l-minuri qed jghix ma' l-attur u qed ikun sostnut minnu, l-ammont ta' flus li l-koppja kellha fl-imsemmi kont bankarju jigi assenjat lilu;

[c] Illi sehem il-konvenuta minn negozju ta' l-attur flimkien ma' kull debitu relattiv ezistenti jigi assenjat lill-istess attur; b' mod li l-konvenuta ma jkollha ebda dritt jew obbligu f'dan ir-rigward;

[4] Tilqa' l-hames talba fis-sens li tordna li l-oggetti elenkati mill-konvenuta fl-imsemmi dokument a fol.188 tal-process jigu ritornati lilha mill-attur immedjatament;

[5] Tilqa' t-tmien talba u tordna d-dekadenza tal-konvenuta fit-termini ta' l-Artikolu 48[1][a][b] u [d] tal-Kap.16. Is-sub inciz [c] huwa inapplikabbli f' dan il-kaz.

Tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjomha ta' xbubita.

L-ispejjez jigu spartiti in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenuta u terz jibqa' a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------